



Dokument ta' sessjoni

A9-0166/2024

9.4.2024

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2023/003 DE/Vallourec
(COM(2024)0030 – C9-0041/2024 – 2024/0049(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jens Geier

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA	9
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	11
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	15
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	16
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	17

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2023/003 DE/Vallourec (COM(2024)0030 – C9-0041/2024 – 2024/0049(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0030 – C9-0041/2024),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹ (“ir-Regolament dwar il-FEG”),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027² kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765³, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁴, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0166/2024),
- A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tagħti appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, u biex tgħinjom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; billi din l-għajnuna hija fornuta permezz ta' appoġġ finanzjarju li jingħata lill-ħaddiema u lill-kumpaniji li għalihom ikunu ħadmu;
- B. billi l-Ġermanja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2023/003 DE/Vallourec għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), wara l-1 518-il sensja⁵ fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 24 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' metalli bażiċi) fil-bliet ġirien ta' Düsseldorf u

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

⁴ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

⁵ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-FEG.

Mülheim an der Ruhr f'perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni mis-26 ta' April 2023 sas-26 ta' Awwissu 2023;

- C. billi l-applikazzjoni hija relatata ma' l-518-il ħaddiem issensjat fil-kumpanija Vallourec Deutschland GmbH (VAD);
- D. billi l-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li jrid ikun hemm mill-qnqas 200 ħaddiem issensjat matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati minn fornituri u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li ntemmet l-attività tagħhom;
- E. billi l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna naqqsu l-kompetittività ekonomika u għandhom impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku fil-Ġermanja;
- F. billi VAD, is-sussidjarja Ġermaniża ta' Vallourec S.A, Franza, immanifatturat tubi tal-azzar illaminati bis-sħana mingħajr saldati fiż-żewġ fabbriki tal-azzar tagħha fil-Ġermanja; billi wara snin ta' telf finanzjarju, fl-2018 tnedew għadd ta' miżuri ta' ristrutturar u tnaqqis fid-daqs u pjan ta' rkupru ddedikat, li jinvolvu konċessjonijiet mill-ħaddiema b'kundizzjonijiet ta' impjeg; billi minkejja xi suċċess, is-sitwazzjoni ekonomika wara l-pandemija tal-COVID-19 irriżultat f'aktar diffikultajiet għall-fabbriki tat-tubi Ġermaniżi u mill-2015, diġà kienu ntilfu aktar minn 1400 impjeg minħabba r-ristrutturar; billi Vallourec S.A. iddeċidiet fl-2021 li tbigħ il-fabbriki tat-tubi Ġermaniżi tagħha u li tittrasferixxi l-produzzjoni lejn il-Brażil; billi l-bejgħ falla, u dan wassal għall-għeluq definittiv tas-siti u rriżulta fl-ispostament tal-ħaddiema li kien fadal sal-1 ta' Jannar 2025;
- G. billi VAD qablet li tistabbilixxi kumpanija ta' trasferiment għal kull lott ta' sensji u l-intrapriża offriet ukoll pjan ta' rtirar bikri għall-impjegati li twieldu fl-1966 jew qabel, kif ukoll pjanijiet ta' terminazzjoni volontarja għall-persuni li jista' ma jkollhomx aktar b'zonn assistenza biex isibu impjeg għdid;
- H. billi kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi ta' politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-għdid u malajr lill-benefiċjarji f'impjeg deċenti u sostenibbli fi ħdan is-settur ta' attività inizjali tagħhom jew barra minnu, filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea newtrali għall-klima u aktar diġitali;
- I. billi r-reviżjoni tal-QFP tnaqqas l-ammont annwali massimu tal-FEG minn EUR 186 miljun għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765; billi l-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEG u l-Istituzzjonijiet kollha jenħtieġ li jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiżguraw li t-talbiet ġustifikati kollha għal appoġġ mill-FEG, bħala manifestazzjoni tas-solidarjetà tal-UE, ikunu jistgħu jiġu ssodisfati;
- 1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li l-Ġermanja hija ntitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 984 627 skont dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 4 974 379, liema spiża tinkludi n-nefqa

- għal servizzi personalizzati ta' EUR 4 783 057 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ta' għestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar ta' EUR 191 322;
2. Jinnota li l-awtoritajiet Ġermaniżi ppreżentaw l-applikazzjoni fil-15 ta' Novembru 2023, u li, wara l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali mill-Ġermanja, il-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fid-29 ta' Frar 2024 u nnotifikatha lill-Parlament fl-istess ġurnata;
 3. Jinnota li l-applikazzjoni hija relatata ma' 1 518-il ħaddiem issensjat fil-kumpanija Vallourec Deutschland GmbH (VAD); jinnota wkoll li b'kollox 835 ħaddiem se jkunu benefiċjarji fil-mira;
 4. Jissottolinja li dawk is-sensji huma mistennija li jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali li kienet soġġetta għal bidliet strutturali kbar f'dawn l-aħħar deċennji bi tnaqqis sinifikanti fl-impjiegi fil-produzzjoni u speċjalment fil-manifattura tal-metall; jirrimarka li s-sensji se jikkawżaw żieda fir-rata tal-qgħad fil-bliet ta' Mülheim u Düsseldorf, bi 11,6 % u 5,6 % rispettivament;
 5. Jirrimarka li l-profil tal-ħaddiema ssensjati ma jaqblux mal-ħiliet imfittxija fis-suq tax-xogħol; jissottolinja wkoll li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema kkonċernati jinsabu fi stadju avanzat tal-karriera professjonali tagħhom, billi ħadmu għal VAD għal żmien twil, b'livelli ta' kwalifiki formali li jagħmluhom mhux kompetittivi fis-suq tax-xogħol attwali, peress li 20,1 % minnhom għandhom aktar minn 54 sena; jisħaq li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema f'konformità mad-domanda tas-suq tax-xogħol għal impjiegi kwalifikati se jkunu ta' sfida, b'mod partikolari meta wieħed iqis in-numru kbir ta' persuni ssensjati fl-istess ħin; jisħaq wkoll li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema ssensjati jeħtieġ li jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' kwalifiki fuq terminu medju sa twil tat-trasformazzjoni industrijali għal futur newtrali għall-klima;
 6. Iqis li hija responsabbiltà soċjali tal-Unjoni li tipprovdi lil dawn il-ħaddiema ssensjati l-kwalifiki meħtieġa għat-trasformazzjoni ekoloġika u ġusta tal-industrija tal-Unjoni, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, peress li dawn ħadmu f'settur b'intensità għolja ta' karbonju; jisħaq fuq l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni biex l-Ewropa tkun adattata għall-futur fir-rigward tal-manifattura industrijali sabiex jiġi evitat li l-Unjoni tieħu t-triq tad-dekarbonizzazzjoni permezz tad-deindustrijalizzazzjoni; jilqa', għalhekk, is-servizzi personalizzati pprovduti mill-FEG lill-ħaddiema, li jinkludu miżuri ta' titjib tal-ħiliet, sessjonijiet ta' ħidma, orjentazzjoni vokazzjonali, konsulenza dwar l-impjiegi, kif ukoll indennizzi għat-taħriġ, biex iż-żona, u s-suq tax-xogħol ġenerali, isiru aktar sostenibbli u reżiljenti fil-futur;
 7. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati tfassal mill-Ġermanja b'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, ir-rappreżentanti tagħhom u s-sħab soċjali; jilqa' b'mod partikolari l-fatt li direttament wara d-deċiżjoni li jingħalqu l-fabbriki tat-tubi, il-maniġment tal-intrapriża u r-rappreżentanti tal-impjegati bdew negozjati ta' pjan soċjali, u b'mod partikolari l-ħolqien ta' kumpanija ta' trasferiment; jirrikonoxxi li VAD għamlet sforzi konsiderevoli biex timminimizza l-impatt soċjali tal-għeluq tas-siti;
 8. Ifakkar li s-servizzi personalizzati li jeħtieġ li jiġu pprovduti lill-ħaddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom jikkonsistu fl-azzjonijiet li ġejjin: taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfassal apposta, gwida okkupazzjonali, servizzi ta' assistenza individwali għat-tfittix ta' impjeg u attivitajiet għall-gruppi fil-mira, appoġġ u kontribuzzjoni għall-ħolqien ta'

negozju, kif ukoll inċentivi u indennizzi;

9. Jilqa' bis-saħħa l-miżura proposta dwar ħiliet bażiċi diġitali (Digitale Grundqualifizierung), li tiegħu ħsieb id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali, kif meħtieġ fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG; jinnota li din il-miżura hija mmirata b' mod partikolari lejn dawk il-parteciċipanti mingħajr ħiliet diġitali jew bi ftit li xejn minnhom; jilqa' l-fatt li l-parteciċipanti se jingħataw laptops sabiex ikunu jistgħu jsegwu l-kors u jipprattikaw id-dar, kif ukoll minħabba l-fatt li se tingħata attenzjoni speċjali għall-ħiliet applikati li jgħinu lill-parteciċipanti jużaw l-għodod tal-internet għat-tiftix ta' impjieġ;
10. Jinnota li l-Ġermanja bdiet toffri servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Diċembru 2023 u li, għaldaqstant, il-perjodu ta' eliġibbiltà għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se jkun mill-1 ta' Diċembru 2023 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;
11. Jinnota li l-Ġermanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Jannar 2023 u li, għaldaqstant, in-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Jannar 2023 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;
12. Jisħaq li l-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux għajjnuna minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u li l-prinċipji tal-ugwaljanza fit-trattament u n-nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom;
13. Itenni li l-għajjnuna mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji, skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi, jew kwalunkwe allowance jew dritt tal-ħaddiema ssensjati, biex tiġi żgurata l-addizzjonalità sħiħa tal-allokkazzjoni;
14. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2023/003 DE/Vallourec

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda², u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jipromwovi impjiegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinjom jirritornaw għal impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093³.
- (3) Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Vallourec (Vallourec Deutschland GmbH (VAD)) fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 24 (Manifattura ta' metalli bażiċi) tal-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE")⁴ Reviżjoni 2 fir-reġjun tal-livell 2 tal-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ("NUTS") ta' Düsseldorf (DEA1) fil-Ġermanja. Din l-applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta'

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 984 627 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Ġermanja.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2024, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 984 627 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*][□].

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁵ COM(2024) 30.

[□] Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) inħoloq biex jipprovdi assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerè dinji.

F'konformità mal-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020⁶, il-Kummissjoni hija meħtieġa, wara l-valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, tressaq proposta biex timmobilizza l-Fond lill-awtorità baġitarja u tikkomplementaha b'talba korrispondenti għal trasferiment lil-linji baġitarji rilevanti.

II. L-applikazzjoni tal-Ġermanja u l-proposta tal-Kummissjoni

Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni EGF/2023/003 DE/Vallourec għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara l-518-il sensja⁷ fil-kumpanija Vallourec Deutschland GmbH (VAD) li rriżultaw mill-għeluq taż-żewġ siti tal-produzzjoni tagħha. Din hija t-tielet tali applikazzjoni tal-2023 u l-ewwel waħda li ser tiġi eżaminata fl-ambitu tal-baġit 2024.

Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Ġermanja biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 835 benefiċjarju fil-mira, jiġifieri ħaddiema ssensjati minn VAD. B'kollox, se jiġu mmobilizzati EUR 2 984 627 mill-FEG għall-Ġermanja, ammont li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti.

Il-Kummissjoni qieset l-applikazzjoni tal-Ġermanja ammissibbli skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li jrid ikun hemm mill-inqas 200 ħaddiema ssensjati matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema ssensjati minn fornituri u produtturi downstream u/jew minn persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.

Il-kofinanzjament tal-FEG intalab għat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati:

- a) Miżuri għat-titjib tal-ħiliet. Korsijiet imfassla apposta pprovduti individwalment jew fi gruppi. Enfasi fuq il-korsijiet tal-Ġermaniż għall-parteciċipanti b'għarfien fqir tal-lingwa u ħiliet diġitali bażiċi speċjalizzati għall-parteciċipanti b'livell baxx ta' ħiliet diġitali.
- b) Konsulenza ta' gwida kif ukoll orjentazzjoni vokazzjonali / miżuri ta' attivazzjoni. Appoġġ personalizzat minn konsulenti ta' gwida. Gruppi ta' pari u sessjonijiet ta'

⁶ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

⁷ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-FEG.

ħidma, inkluż b'attenzjoni fuq ommijiet waħedhom jew parteċipanti akbar fl-età. Se tingħata wkoll attenzjoni lil miżuri li għandhom l-għan li jstabbilizzaw u jtejbju s-saħħa fiżika u mentali tal-parteċipanti.

- c) Għajnuna għat-tfittix ta' impjieg: Job scouts professjonali se jgħinu biex jidentifikaw postijiet tax-xogħol vakanti potenzjali li għadhom ma ġewx ippubblikati, u li jistgħu jkunu adatti għall-ħaddiema eliġibbli. Barra minn hekk, se jiġu organizzati varjetà ta' avvenimenti tat-tiftix ta' impjieg, bħal fieri tax-xogħol.
- d) Appoġġ għall-ħolqien ta' negozju. Servizzi ta' konsulenza għal dawk interessati li jibdeu in-negozji tagħhom stess, inklużi miżuri ta' coaching imfassla apposta b'mod individwalizzat, kif ukoll sessjonijiet ta' coaching fi gruppi.
- e) Kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju. Għotjiet sa EUR 21 871 jistgħu jintużaw għal investimenti f'taġmirs, iżda wkoll għall-kiri ta' bini tan-negozju jew għal aktar coaching jew taħriġ matul il-fażi tal-bidu.
- f) Inċentivi u indennizzi. (1) Inċentivi għat-titjib tal-ħiliet. Jistgħu jitħallsu fuq parteċipazzjoni b'suċċess f'ċerti miżuri, skont it-tip, il-livell u t-tul ta' żmien ta' miżura. (2) Inċentivi oħra. Dawn se jiffokaw primarjament fuq l-integrazzjoni tal-parteċipanti fis-suq tax-xogħol, u jistgħu jitħallsu bħala bonus meta jinbeda impjieg tul iż-żmien tal-kumpanija ta' trasferiment jew jitħallsu fil-forma ta' żidiet fis-salarju biex jikkompensaw għat-telf tas-salarju fl-impjieg il-ġdid. (3) Indennizz tat-taħriġ. Jitħallas indennizz ta' EUR 1 296 matul iż-żjara tal-ħaddiema fil-kumpanija ta' trasferiment. Il-parteċipazzjoni f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol hija prerekwiżit biex wieħed jirċievi indennizz.

Skont il-Kummissjoni, il-miżuri deskritti jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG u ma jissostitwux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

Il-Ġermanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obligatorji għall-intrapriżi kkonċernati permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Hija kkonfermat li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi tali azzjonijiet.

Il-proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja talba għal trasferiment ta' ammont globali ta' EUR 2 984 627 mir-riżerva tal-FEG (linja baġitarja 30 04 02; approprjazzjonijiet ta' impenn) għall-FEG (linja baġitarja 16 02 02; approprjazzjonijiet ta' impenn).

Skont ftehim intern fi ħdan il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat dwar il-Politika Reġjonali għandhom jiġu assoċjati fil-proċess sabiex joffru appoġġ kostruttiv u jagħtu kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

19.3.2024

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-
Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Ġermanja –
EGF/2023/003 DE/Vallourec (2024/0049(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-
istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-
forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tad-
19 ta' Marzu 2024 u ddeċieda li jstieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat
responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni
tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Dragoş Pişlaru

SUĠĠERIMENTI

- A. Billi, fil-15 ta' Novembru 2023, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni EGF/2023/003 DE/Vallourec għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f' Vallourec (Vallourec Deutschland GmbH (VAD)) fil-Ġermanja;
- B. Billi l-applikazzjoni hija relatata ma' 1 518-il ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom fil-VAD waqfet; billi din l-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 24 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' metalliċi bażiċi); billi s-sensji mogħtija mill-intrapriża jinsabu fir-reġjun ta' Düsseldorf;
- C. Billi l-Kummissjoni qieset din l-applikazzjoni tal-Ġermanja ammissibbli skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi mill-anqas li 200 ħaddiem jiġu ssensjati matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'impriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema ssensjati minn fornituri u produtture downstream u/jew minn persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet;
- D. Billi, fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Ġermanja biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 835 benefiċjarju speċifikat, jiġifieri ħaddiema ssensjati mill-VAD;
- E. Billi l-intrapriża, Vallourec Deutschland GmbH (VAD), hija s-sussidjarja Ġermaniża ta' Vallourec S.A, Franza; billi l-intrapriża kienet timmanifattura tubi tal-azzar illaminati bis-sħana mingħajr weldjatura fiż-żewġ fabbriki tal-azzar tagħha fil-Ġermanja, fil-bliet ġirien ta' Düsseldorf u Mülheim an der Ruhr; billi wara snin ta' telf finanzjarju ttieħdu għadd ta' miżuri ta' ristrutturar u tnaqqis fin-numru tal-impjegati, kif ukoll tnieda pjan ta' rkupru apposta fl-2018; billi biex isalvaw is-siti tal-produzzjoni, l-impjegati wrew il-volontà li jagħmlu konċessjonijiet kbar; billi minkejja dan, intilfu aktar minn 1 400 impjieg mill-2015 minħabba dan ir-ristrutturar;
- F. Billi Vallourec S.A. iddeċidiet fl-2021 li tbigħ il-fabbriki tat-tubi tagħha fil-Ġermanja u li tittrasferixxi l-produzzjoni lejn il-Brażil; billi kull tentattiv għall-bejgħ tas-siti tal-produzzjoni falla, u dan wassal għall-għeluq definittiv tas-siti u rriżulta fis-sensja tal-impjegati li kien fadal sal-1 ta' Jannar 2025 (fi tliet fażijiet, bl-ewwel lott ta' ħaddiema li telqu l-kumpanija sal-1 ta' Jannar 2024, it-tieni lott li waslu biex jitolqu sal-1 ta' Lulju 2024, u t-tielet lott sal-1 ta' Jannar 2025);
- G. billi VAD qablet li tistabbilixxi kumpanija ta' trasferiment għal kull lott ta' sensji u l-intrapriża offriet ukoll pjan ta' rtirar bikri għall-impjegati li twieldu fl-1966 jew qabel, kif ukoll pjanijiet ta' terminazzjoni volontarja għall-persuni li jista' ma jkollhomx aktar b'zonn assistenza biex isibu impjieg ġdid;
- H. Billi dawn is-sensji huma mistennija li jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali, u din kienet soġġetta għal bidliet strutturali kbar f'dawn l-aħħar deċennji bi tnaqqis sinifikanti fl-impjiegi fil-produzzjoni u speċjalment fil-manifattura tal-metall; billi s-sensji mistennija jikkawżaw żieda fir-rata tal-qgħad fil-bliet ta' Mülheim u Düsseldorf, bi 11,6 % u 5,6 % rispettivament;
- I. Billi s-swieq tal-impjiegi lokali fir-reġjun ivarjaw b'livell għoli ta' qgħad f'Mülheim u b'rata għolja ħafna ta' impjieg fis-settur terzjarju f'Düsseldorf; billi l-profilu tal-

ħaddiema ssensjati ma jaqblux mal-ħiliet imfittxija fis-suq tax-xogħol; billi l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema kkonċernati jinsabu fi stadju avanzat tal-karrieri professjonali tagħhom għax ħadmu għall-VAD għal żmien twil, b'livelli ta' kwalifiki formali li mhumiex kompetittivi fis-suq tax-xogħol attwali; billi t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema f'konformità mad-domanda tas-suq tax-xogħol għal impjiegi kwalifikati għalhekk se jkunu ta' sfida, b'mod partikolari meta wieħed iqis in-numru kbir ta' persuni ssensjati fl-istess ħin;

- J. Billi l-Ġermanja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691;
- K. Billi l-Ġermanja kkonfermat li l-miżuri li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;
- L. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-oġettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom l-appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li jintegraw mill-ġdid malajr lill-benefiċjarji f'impjeg deċenti u sostenibbli fis-settur ta' attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropej, liema tranżizzjonijiet huma meħtieġa b'mod urġenti; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, fil-kontribut għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew;
2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li l-Ġermanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 984 627 skont dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 4 974 379, liema spiża tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 4 783 057 u n-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar ta' EUR 191 322;
3. Jilqa' l-fatt li f'Novembru 2022, l-Awtorità Ġermaniża ta' Ġestjoni tal-FEG daħlet f'diskussjonijiet mal-intrapriża li tat is-sensji, il-kuntrattur terz ikkommissjonat bl-istabbiliment tal-kumpanija ta' trasferiment, is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, kif ukoll l-awtoritajiet rispettivi tal-Istat Federali ta' Nordrhein-Westfalen dwar applikazzjoni possibbli tal-FEG u li fit-13 ta' Frar 2023 intlaħaq ftehim dwar pjan ta' azzjoni komuni;
4. Jinnota li l-applikazzjoni hija relatata ma' 1 518-il ħaddiem issensjati fil-kumpanija Vallourec Deutschland GmbH (VAD); jinnota wkoll li 835 ħaddiem se jkunu

benefiċjarji fil-mira; jisħaq li 73,5 % tal-benefiċjarji speċifikati għandhom bejn it-30 u l-54 sena filwaqt li 20,1 % għandhom aktar minn 54 sena, li 89,1 % għandhom edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell jew postsekondarja jew anqas u li 95,6 % minnhom huma rġiel; jisħaq ukoll li l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti servizzi personalizzati, b' mod partikolari minħabba l-profil ta' ħiliet tagħhom u s-sitwazzjoni fis-swieq tax-xogħol lokali;

5. Jisħaq li l-Ġermanja kkonfermat li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhux se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni;
6. Ifakkar li s-servizzi personalizzati li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament dwar il-FEG jikkonsistu fl-azzjonijiet li ġejjin: (a) miżuri għat-titjib tal-ħiliet, (b) konsulenza ta' gwida u orjentazzjoni vokazzjonali / miżuri ta' attivazzjoni, (c) servizzi ta' konsulenza għall-bidu ta' negozju, (d) għotjiet għall-bidu ta' negozju, (e) għajnuma għat-tiftix ta' impjieg, (f) inċentivi għat-titjib tal-ħiliet, (g) aktar inċentivi, u (h) indennizz għat-taħriġ;
7. Jilqa' bis-saħħa l-miżura proposta dwar ħiliet bażiċi diġitali (Digitale Grundqualifizierung), li tieħu ħsieb id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali, kif meħtieġ fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG; jinnota li din il-miżura hija mmirata b' mod partikolari lejn dawk il-parteciċipanti mingħajr ħiliet diġitali jew bi ftit li xejn minnhom; jilqa' l-fatt li l-parteciċipanti se jingħataw laptops sabiex ikunu jistgħu jsegwu l-kors u jipprattikaw id-dar, kif ukoll minħabba l-fatt li se tingħata attenzjoni speċjali għall-ħiliet applikati li jgħinu lill-parteciċipanti jużaw l-għodod tal-internet għat-tiftix ta' impjieg;
8. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali limitati fiż-żmien fi ħdan il-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, il-ħlas ta' indennizzi għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7.2, il-punt (b), tar-Regolament dwar il-FEG sabiex tiġi ffaċilitata l-parteciċipazzjoni ta' dawk li qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Two representatives of IG Metall (German trade union of steel workers)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	8.4.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Olivier Chastel, Andor Deli, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Eero Heinäluoma, Hervé Juvin, Fabienne Keller, Joachim Kuhs, Pierre Larroustou, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anna-Michelle Asimakopoulou, Herbert Dorfmann, Jan Olbrycht
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Karolin Braunsberger-Reinhold, Petra Kammerevert, Wolfram Pirchner, Dominique Riquet, Mounir Satouri

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

25	+
ID	Joachim Kuhs
NI	Andor Deli, Hervé Juvin
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Karolin Braunsberger-Reinhold, Herbert Dorfmann, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Wolfram Pirchner, Eleni Stavrou
Renew	Olivier Chastel, Fabienne Keller, Dominique Riquet, Nils Torvalds
S&D	Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Petra Kammerevert, Pierre Larrouturou, Margarida Marques, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Alexandra Geese, Mounir Satouri

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni